**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 83/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur illum Supretendent Dennis Theuma)**

**vs**

**Wayne Falzon**
**(ID 387585(M))**

**Illum, 15 ta' April 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Wayne Falzon ta' 25 sena, iben Raphael u Maria nee` Dalli, imwieled il-Pieta` fit-30 ta' Lulju 1985 u residenti 129, Triq Salvu Psaila, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 387585(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Ottubru 2010 u fis-sentejn ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi

(G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-3 ta' Ottubru 2010, l-imputat gie mwaqqaf hdejn ir-residenza tieghu u nstab li fil-pussess tieghu kellu zewg pakketti tal-*plastic* bi trab kannella. Minn tfittxija li saret gewwa r-residenza tieghu fi Triq Salvu Psaila, B'Kara, instabu diversi oggetti relatati mad-droga fosthom *foil* mahruq, bajda tal-*Kinder* li fiha kien hemm borza tal-*plastic* bi

trab kannella, kuccarina zghira b'xi tracci u mizien elettroniku.[1] Huwa gie arrestat u fl-4 ta' Ottubru 2010, irrilaxxja stqarrija, wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt madankollu ghazel li ma jezercitahx u ffirma l-istess stqarrija.[2]

Mir-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut[3], jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu:

1. Kontenitur tond tal-plastik ta' lewn isfar li fih bicciet tal-plastik trasparenti vojta, kontenitur tal-plastik ta' lewn isfar li fih borza tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn kannella u kuccarina zghira tal-plastik – skond it-*tag* esebita mal-istess oggetti dawn gew elevati minn gewwa l-kcina go kontenitur abjad fil-presenza tal-imputat;

2. Zewg bicciet tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn kannella – skond it-*tag* dawn gew elevati minn fuq il-persuna tal-imputat;

3. Mizien ta' lewn iswed – skond it-*tag* dan gie elevat minn fuq il-bank tal-kcina fil-presenza tal-imputat;

4. *Sim card* u kuccarina zghira tal-plastik – skond it-*tag* dawn gew elevati minn fuq il-bank tal-kcina, fil-presenza tal-imputat;

5. Bicciet ta' *aluminium foil* – skond it-*tag*, dawn gew elevati mill-kamra tas-sodda tal-imputat, fil-presenza tieghu.

Mill-istess rapport, jirrizulta wkoll illi:

a) Fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella (fil-paragrafi 1 u 2 *supra*) instabet is-sustanza eroina, li <u>l-piz totali tat-trab kien ta' 2.75 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka 28% (sottolinear tal-Qorti).

b) Fuq *swabs* mehuda mill-kuccarina u minn fuq l-*aluminium foil* instabet is-sustanza eroina.

c) Fuq *swab* mehuda minn fuq il-mizien ma nstabitx droga.

---

[1] Ara x-xhieda ta' WPC 127 Carmen Gauci (a fol. 53 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg (a fol. 56 *et seq* tal-process).
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 9 u 9A tal-process.
[3] Esebita a fol. 37 *et seq* tal-process.

Mill-istess rapport jirrizulta wkoll illi l-piz tat-trab fil-kontenitur tal-plastik ta' lewn isfar kien ta' 2.49 grammi, fil-waqt illi l-piz tat-trab fiz-zewg bicciet tal-plastik indikati fil-paragrafu 2 *supra* kien ta' 0.12 grammi u 0.14 grammi rispettivament.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat talli fit-3 ta' Ottubru 2010 u fis-sentejn ta' qabel din id-data, huwa forna jew ipprokura d-droga eroina jew offra li jforni jew jipprokura l-istess droga.

Jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, kif fuq inghad, illi l-ghada li huwa gie arrestat mill-pulizija, fuq suggeriment tal-Ufficjal Investigatur illi huwa spicca jnehhi l-pakketti tal-eroina li jkollu ghalih sabiex ikun jista' jmantni l-vizzju tieghu, l-istess imputat wiegeb "*iva gili nehhejt xi zewg pakketti biex ma nispiccax bla flus*". Mistoqsi kemm kien ilu jbiegh pakketti tal-eroina biex imantni l-vizzju, huwa jghid "*ilni ghal dawn l-ahhar hames xhur wara li hrigt mill-habs* …". Mistoqsi wkoll bil-kemm kien inehhi il-qratas tal-eroina li kien ibiegh lil terzi, huwa jghid li dan kien jaghmlu bil-prezz ta' €10 il-pakkett u gieli anke b'xejn.[4]

Ghaldaqstant, jirrizulta car illi fil-parametri taz-zmien li ghalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni, l-imputat forna d-droga eroina lil terzi persuni u konsegwentement din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi, b'dan illi a bazi tal-istess stqarrija, l-imputat mhuwiex qed jinstab hati fir-rigward tas-sentejn ta' qabel id-data tat-3 ta' Ottubru 2010, izda fir-rigward tal-hames xhur ta' qabel l-istess data.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat jinsab akkuzat bil-pussess aggravat tad-droga eroina u dan b'referenza ghall-istess zmien.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-*

[4] Ara a fol. 9A tal-process.

*provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Issa f'dan il-kaz, la darba l-imputat qed jinstab hati ta' traffikar tad-droga eroina u dan billi kif ammetta huwa stess, huwa biegh id-droga lil terzi persuni sabiex imantni l-vizzju tieghu isegwi necessarjament b'referenza ghad-droga li huwa biegh, illi huwa kellu l-pussess aggravat tal-istess.

In oltre jirrizulta wkoll mill-provi prodotti, illi fil-pussess tal-imputat, instabu borza tal-plastik u zewg bicciet tal-plastik li fihom kellhom l-eroina ossia borza li nstabet fil-kcina tar-residenza tal-imputat li kienet tikkontjeni trab f'piz ta' 2.49 grammi u zewg bicciet tal-plastik li kienu fuq il-persuna tal-imputat u li huwa gie nnutat jarmihom (skond ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija) jew jipprova jiblaghhom (skond l-imputat), li kienu jikkontjenu trab f'piz ta' 0.12 grammi u 0.14 grammi rispettivament. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jikkonferma li dawn instabu fil-pussess tieghu u li kienu tieghu. Ghalkemm fir-rigward taz-zewg bicciet tal-plastik zghar, l-imputat jghid illi dawn kienu ghall-uzu tieghu u jichad li dawn kien ser ibieghhom, fl-istess stqarrija, huwa jammetti illi juza l-mizien elettroniku u l-kuccarina zghira bi tracci ta' trab kannella (li wkoll jammetti li huma tieghu) sabiex jikkalkula l-ammont ta' eroina li jqieghed f'kull qartas li jaghmel ossia kemm dawk ghall-uzu tieghu, kif ukoll dawk li jbiegh lil terzi persuni u jghid illi bejn wiehed u iehor iqieghed madwar 0.2 grammi eroina f'kull qartas.

In vista tal-oggetti elevati mill-pussess tal-imputat ossia l-mizien elettroniku u l-borza kontenenti 2.49 grammi bit-trab eroina, kif ukoll il-bicciet tal-plastik vojta li nstabu flimkien mad-droga, meta huwa ben risaput illi fuq is-suq, id-droga eroina

tinbiegh f'boroz jew bicciet tal-plastik jew fi qratas tal-karti, u fid-dawl ta' dak li jistqarr l-imputat, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi din id-droga kienet effettivament intiza, almenu in parti, ghall-ispacc lil terzi. Li wiehed jaghmel uzu mid-droga – kif jirrizulta car f'dan il-kaz – ma jeskludix illi huwa jkollu d-droga fil-pussess tieghu sabiex ibieghha wkoll lil terzi persuni, kif wara kollox ammetta li jaghmel l-istess imputat. F'dan il-kaz, imbaghad, l-imputat ikkonferma kif huwa kien juza l-mizien u l-kuccarina z-zghira, sabiex jaqsam id-droga f'pakketti ta' cirka 0.2 grammi 'l wiehed – u z-zewg pakketti li nstabu fuqu kellhom piz vicin ta' dan – u li dan kien jaghmlu kemm ghall-uzu tieghu, kif ukoll ghall-bejgh lil terzi persuni u li huwa kien ilu hames xhur jbiegh id-droga eroina lil terzi persuni sabiex ikun jista' jmantni l-vizzju tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll illi jekk wiehed jikkalkula l-piz medju tat-trab li nstab fiz-zewg bicciet tal-plastik li kienu fuq il-persuna tal-imputat, ossia 0.13 grammi, jirrizulta illi l-imputat kellu bizzejjed trab fil-borza li nstabet gewwa r-residenza tieghu biex minnu johrog cirka dsatax-il doza, apparti z-zewg dozi li nstabu fuq il-persuna tieghu. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti hija moralment konvinta illi d-droga eroina li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kinitx biss ghall-uzu tieghu, izda kienet intiza wkoll ghal spacc lil terzi persuni. Il-Qorti tinnota wkoll f'dan ir-rigward illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, id-difiza fl-ebda mument ma rregistrat xi kontestazzjoni dwar l-imputazzjonijiet migjuba u fil-fatt l-unika sottomissjoni li ghamlet fit-trattazzjoni finali taghha kienet dwar il-piena li ghandha tigi nflitta minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi, b'dan illi anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u a bazi tal-istqarrija tal-istess imputat, il-Qorti qed issib htija biss fir-rigward tat-3 ta' Ottubru 2010 u l-hames xhur ta' qabel din id-data u mhux fis-sentejn ta' qabel l-istess data.

L-imputat gie addebitat ukoll bir-<u>recidiva</u> u dan fid-dawl tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona fit-2 ta' April 2009. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza[5] li ggib din id-data u li giet moghtija mill-imsemmija Qorti, mil-liema jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza huwa identiku ghan-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat odjern. Jirrizulta wkoll illi permezz ta' din is-sentenza, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' tlettax-il xahar prigunerija u multa ta' €2330, liema multa setghet tithallas mill-hati fi zmien erbgha u ghoxrin xahar mid-data tas-sentenza, jigifieri sat-2 ta' April 2011, u ghalhekk wara d-data

[5] A fol. 21 *et seq* tal-process.

tal-imputazzjonijiet odjerni. Il-Qorti tirrileva illi ma ngabitx prova, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-piena ta' multa kienet giet effettivament skontata sad-data tar-reati odjerni u cioe` billi giet imhallsa jew konvertita fi prigunerija[6] u ghaldaqstant ghal fini tal-addebitu tar-recidiva, l-imputat qed jinstab hati biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, il-fedina penali aggornata tal-imputat, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tikkonsisti *inter alia* f'kundanni dwar ksur tal-Kap. 65 (f'ghaxar okkazzjonijiet) u tal-Kap. 104 (f'seba' okkazzjonijiet), serq aggravat (f'zewg okkazzjonijiet), sekwestru ta' terza persuna kontra l-ligi, pussess ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma tan-nar, hsara volontarja (f'zewg okkazzjonijiet), dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taghrif falz fuq dokument mahsub ghall-awtorita` pubblika, attentat ta' serq aggravat, ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, reati bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 (f'zewg okkazzjonijiet), hsara involontarjra u offiza involontarja fuq il-persuna, pussess semplici tad-droga eroina u reati kontravvenzjonali. Dwar dawn ir-reati l-imputat gie kkundannat ghal diversi pieni pekunjarji, sentenzi ta' prigunerija sospiza f'erba' okkazzjonijiet li, tnejn minnhom, kienu akkumpanjati b'Ordni ta' Supervizjoni, sentenzi ta' prigunerija effettiva fi tliet okkazzjonijiet u liberazzjoni kundizzjonata. Ghaldaqstant, jirrizulta car illi l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex jirriforma ruhu, izda huwa m'gharafx juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet, tant illi mis-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss fil-konfront tal-istess imputat, jirrizulta illi saz-zmien li fih gie redatt l-istess rapport, huwa baqa' jabbuza mid-droga.

Minn dan ir-rapport[7], jirrizulta illi l-imputat beda jaghmel uzu mill-*cannabis* ta' sittax-il sena, sena wara beda jabbuza mill-eroina u minn dak iz-zmien baqa' jaghmel uzu regolari mill-istess sustanza. Ta' dsatax-il sena beda jabbuza wkoll mill-kokaina. Matul il-kompilazzjoni ta' dan ir-rapport, l-imputat ammetta mal-Ufficjal tal-*Probation* illi huwa kien ghadu qed jaghmel uzu minn sustanzi illeciti u ghalkemm mill-informazzjoni migbura mill-istess Ufficjal tal-*Probation*, jirrizulta

[6] F'dan is-sens ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Lulju 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Said**.
[7] Esebit a fol. 64 *et seq* tal-process.

illi l-imputat jattendi ghall-*methadone* fuq bazi regolari taht is-supervizjoni ta' Dr. Tonna, biss huwa m'ghandu kuntatt mal-ebda agenzija lokali li toffri l-ghajnuna fir-rigward tal-vizzju tad-droga. F'dan ir-rigward l-imputat jghid illi ghalkemm huwa jaf li ghandu bzonn l-ghajnuna, ihoss li kapaci jieqaf wahdu – fil-fatt ghall-kuntrarju jirrizulta ampjament li dan ma kienx kapaci jaghmlu – u jghid ukoll illi huwa ma jridx jaghmel pjanijiet sabiex jahdem fuq il-problema tad-droga, minhabba l-kazijiet pendenti li ghandu fil-konfront tieghu. Skond l-Ufficjal tal-*Probation,* possibilment dan jindika nuqqas ta' motivazzjoni da parti tal-imputat sabiex jahdem fuq din il-problema. Fil-fehma tal-Qorti, dan jirrizulta car.

Il-Qorti qieset ukoll illi mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta illi huwa kien ilu jbiegh id-droga eroina ghal perjodu ta' hames xhur u illi fil-pussess tieghu nstab trab bl-eroina fil-piz ta' 2.75 grammi.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar il-piena u l-fattispecje tal-kaz minnha citat fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Attard**, deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Mejju 2014 u tinnota illi apparti li din is-sentenza ghadha m'ghaddietx in gudikat u tinsab fi stadju ta' appell, f'dak il-kaz fil-waqt illi minn banda l-wahda l-ammonti tad-droga kienu ferm ikbar minn dawk fil-kaz odjern, min-naha l-ohra, il-Qorti applikat l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u qieset ukoll cirkostanzi ohrajn, ossia l-eta` tal-imputat, il-progress li seta' ghamel sa dakinhar tas-sentenza u l-kundizzjoni tal-imputat li dwarha kien qed jircievi kura.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b) u (f) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (b'dan illi kif inghad qed issibu hati b'referenza ghat-3 ta' Ottubru 2010 u l-hames xhur ta' qabel din id-data u mhux is-sentejn ta' qabel din id-data) u tikkundannah ghall-piena ta' **hmistax-il (15) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu

jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan illi kemm il-darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont kollu jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-espert mahtur f'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, sebgha u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€227.74), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha relatati mad-droga, esebiti bhala Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hati ghandu jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha li ghandu bzonn sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, inkluz billi jinghata l-opportunita` li jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat